MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 1212/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**KONTRA**

**EL MAGRUS JUMA ABDALLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

El Magrus Juma Abdalla, bin Juma u Hamida nee' Almagrif, mwieled Libya fis- 17 ta' Dicembru 1976, residenti Il- Kenn, 53, Flat 3, Triq il- Profs. Nerik Vassallo Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 30997A;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer matul dawn l- ahhar 3 xhur b’ diversi azzjonijiet maghmulin minnu kif ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmulin b’ risoluzzjoni wahda, kkommetta diversi delitti ta’ serq billi;

1) Fit- 13 ta’ Novembru 2009 ghal habta ta’ bejn it- 03.00pm u l- 4.00pm, bil- hsieb li jikkommetti serq ta’ flus kif ukoll oggetti tad- deheb jew oggetti ohra li l- valur taghhom jaccedi l- €2, 330, wera dan il- hsieb b’ attijiet esterjuri u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta’ dan id- delitt, billi pprova jisgassa l- bieb tal- gallarija tal- fond, 45, Triq George Borg Olivier, Mellieha li qieghed fuq il- post maghrufa bhala Ta’ Peter Restaurant, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u npidendenti mill-volonta’ tieghu, u dan ghad- dannu ta’ Pauline Campell, Noel Campbell u l- familjari taghhom;

2) U aktar talli fit- 23 ta’ Ottubru 2009 ghal habta ta’ bejn is- 7.00am u t- 8.00am minn gewwa l- fond 45, Triq George Borg Olivier, Mellieha, kkommetta serq ta’ mawdar €3,000 kif ukoll oggetti tad- deheb li l- valur taghhom jammonta ghal madwar €16,300 kif ukoll tromba li l- valur taghha mhux maghruf, liema serq hu ggravat bil-mezz, bil- valur u lok u dang had- dannu tal- imsemmija Pauline Campell u Noel Campell;

3) Aktar talli fl- 10 ta’ Settembru 2009 ghal habta ta’ bejn nofs in- nhar u l- 3.45pm minn gewwa l- fond 45 Triq George Borg Olivier, Mellieha, kkommetta serq ta’ mawdar €8,000, liema serq hu ggravat bil- mezz, valur u lok u dan ghad- dannu tal- imsemmija Pauline Campell u Noel Campell;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal tnejn mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi ma kellux provi fuq l-imputazzjoni l-ohra u l-imputat kien irremetta ruhu, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti lahqet semghet il-provi kollha f'din il-kawza, salv lill-imputat stess, li ghazel li ma jixhedx. Mil-provi prodotti, apparti l-ammissjoni tieghu li waslet fl-ahhar tal-process, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat ghandu jinsab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Il-Qorti kellha okkazjoni tisma' lid-derubati u tezamina l-provi kontenuti fil-proces verbal esebit fl-atti, u dawn kollha jippuntaw direttament u inekwivokabbilment lejn l-imputat. Bl-ammissjoni tieghu, izda, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-fond tal-provi prodotti. Ghalhekk, l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrisultaw soddisfacentement ippruvati. Kwantu ghat-tielet, din ma gietx ippruvata. Il-Prosekuzzjoni jidher li mxiet biss fuq suspett li kellhom Pauline u Noel Cambell, li nzertaw id-derubati fit-tieni imputazzjoni, izda prova konkreta kontra l-imputat ma ngabetx f'dan ir-rigward. Konsegwentement ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, in vista tal-gravita' tar-reati kommessi, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat terminu ta' prigunerija effettiva ta' sentejn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 41 (1) (a), 261, 263, 264 (1), 265, 266 (1) (2), 267, 269 (g), 278 (1) (2), 279 (a) (b), 280 (2), 17, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Ma ssibux hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------